**Konferenza Episkopali Maltija**
**Segretarjat għall-Edukazzjoni Nisranija**

## Applikazzjonijiet għad-dħul fl-iskejjel tal-Knisja f'Għawdex

Applikazzjonijiet ta' applikanti oħra għad-dħul fl-ewwel sena sekondarja u fl-ewwel sena kindergarten fl-iskejjel tal-Knisja f'Għawdex jintlaqgħu minn nhar It-Tlieta, 1 ta' Frar sat-Tnejn, 14 ta' Frar 2022. L-applikazzjonijiet isiru onlajn minn https://church.mt/gozoapplications. Aktar dettalji jinstabu fir-Regolamenti tad-Dħul. Għal aktar għajnuna ċempel 7999 0271 mit-8:00am sas-2:00pm tal-istess ġranet. Postijiet vakanti fl-ewwel sena sekondarja baqa' 15 għal bniet u 15 għas-subien u fl-ewwel sena kindergarten baqa' 55 post.

F'Novembru 2021 ġew ippublikati r-Regolamenti għad-Dħul fl-Iskejjel tal-Knisja f'Għawdex u f'Novembru u Diċembru saru l-applikazzjonijiet skont l-Ewwel Kriterju.

Dawn huma dettalji tal-applikazzjonijiet tal-ewwel kriterju skola, skola f' Għawdex. Id-dettalji tal-applikanti se jkunu ppublikati fuq il-paġna tal-iskejjel tal-Knisja li tinsab f' www.knisja.mt.

Għad-dħul fl-ewwel sena sekondarja fil-**Konservatorju tal-Isqof Sekondarja** rċevejna tnejn u ħamsin (52) applikazzjoni ta' bniet li qed jattendu s-sitt sena f'xi skola tal-Knisja f' Għawdex. Tlieta (3) minn dawn l-applikazzjonijiet huma bis-sapport. Għalhekk il-Konservatoru tal-Isqaf Sekondarja jista' jaċċetta ftit aktar bniet bis-sapport. Irċevejna wkoll żewġ (2) applikazzjonijiet tal-impjegati fil-Konservatoru tal-Isqof, tlett (3) applikazzjonijiet li għandhom ħuthom jattendu l-Konservatorju tal-Isqof Sekondarja,. Dawn iġibu total ta' sebgħa u ħamsin (52+2+3=57) applikazzjoni . Dan ifisser li minn total ta' 72 post issa baqa' ħmistax (15) –il post vakanti.

Għad-dħul fl-ewwel sena sekondarja fis-**Seminarju tal-Qalb ta' Ġesù** rċevejna ħamsin (50) applikazzjoni ta' subien li qed jattendu s-sitt sena f'xi skola tal-Knisja f' Għawdex. Irċevejna tlett (3) applikazzjonijiet tal-impjegati fis-Seminarju tal-Qalb ta' Ġesù, erba' (4) applikazzjonijiet li għandhom ħuthom jattendu s-Seminarju. Għalhekk It-total ta' applikazzjonijiet huwa ta' sebgħa u ħamsin (50+3+4=57). Dan ifisser li minn total ta' 72 post issa baqa' ħmistax (15 ) –il post vakanti.

Disgħa (9) mill-applikazzjonijiet għas-Seminarju tal-Qalb ta' Ġesù huma bis-sapport. Għalhekk mhux possibbli li s-Seminarju jaċċetta aktar tfal bis-sapport.

Din it-tabella tiġbor fiha l-applikanti tal-ewwel kriterju għall-ewwel sena sekondarja.

| **Kriterji** | **1A** | **1B** | **1C** | **1D** | **Total** |
|---|---|---|---|---|---|
| Bishop's Conservatory Secondary | 52 | 2 | 3 | 0 | 57 |
| Sacred Heart Seminary | 50 | 3 | 4 | 0 | 57 |

Għad-dħul fl-ewwel sena kindergarten fil-**Konservatorju tal-Isqof Primarja** rċevejna żewġ (2) applikazzjonijiet ta' tfal li għandhom ġenitur jaħdem fil-Konservatoru tal-Isqof Primarja, ħames (5) applikazzjonijiet li għandhom ħuthom jattendu l-Konservatorju tal-Isqof Primarja u sitt (6) applikazzjonijiet li l-ġenitur tagħhom jaħdem fi skola sekondarja tal-knisja f'Għawdex. Dawn iġibu total ta' tlettax (2+5+6=13) - il applikazzjoni. Dan ifisser li minn total ta' 24 post issa baqa' ħdax (11) –il post vakanti.

Għad-dħul fl-ewwel sena kindergarten ta' **Laura Vicuna**, l-Għasri, rċevejna, sitt (6) applikazzjonijiet li għandhom ħuthom jattendu Laura Vicuna u żewġ (2) applikazzjonijiet li joqgħodu l-Għasri. Mela

b'kollox għandna total ta' tmien (6+2=8) applikazzjonijiet. Dan ifisser li minn total ta' 24 post issa baqa' sittax (16)-il post vakanti.

Għad-dħul fl-ewwel sena kindergarten f' **St. Theresa** f' Kerċem rċevejna żewġ (2) applikazzjonijiet ta' tfal li għandhom ġenitur jaħdem fl-istess skola tal-Knisja u disgħa (9) applikazzjonijiet li għandhom ħuthom jattendu St. Theresa. Dawn iġibu total ta' ħdax (2+9=11) –il applikazzjoni. Dan ifisser li minn total ta' 24 post issa baqa' tlettax (13) –il posti vakanti.

Għad-dħul fl-ewwel sena kindergarten **St Francis, Victoria** rċevejna applikazzjoni waħda ta' tifla li għandha ġenitur jaħdem fl-istess skola tal-Knisja, tmintax (18) –il applikazzjoni li għandhom ħuthom jattendu St Francis Victoria. Dawn iġibu total ta' dsatax (1+18=19) - il applikazzjoni. Dan ifisser li minn total ta' 24 post issa baqa' ħames (5) postijiet vakanti.

Għad-dħul fl-ewwel sena kindergarten **St Francis, in-Nadur** rċevejna żewġ (2) applikazzjonijiet. Għalhekk minn total ta' 12-il post għad baqa' 10 postijiet vakanti f' St Francis, In-Nadur. Infakkru li din l-iskola hija biss għal-livelli tal-kinder.

Din it-tabella tiġbor fiha l-applikanti tal-ewwel kriterju għall-ewwel sena kindergarten

| **Kriterji** | **1B** | **1C** | **1D** | **1E** | **1F** | **1G** | **Total** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Bishop's Conservatory Primary | 2 | 5 | 6 | 0 | 0 | 0 | 13 |
| Laura Vicuna | 0 | 6 | 0 | 0 | 2 | 0 | 8 |
| St Theresa | 2 | 9 | 0 | 0 | 0 | 0 | 11 |
| St Francis Victoria | 0 | 18 | 1 | 0 | 0 | 0 | 19 |
| St Francis Nadur | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 2 | 2 |

**Il-Bord tad-Dħul tal-Iskejjel tal-Knisja** **26 ta' Jannar 2022**